MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 145/2006

**Book Distributors (BDL) Limited [C 11459]**

**vs**

**IKE Enterprises Ltd [C 26709]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sitta u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,896.76), rapprezentanti bilanc ta' kotba mibjugha lis-socjeta' konvenuta fuq talba taghha stess u li baqa' ma thallasx u dan kif jirrizulta mill-fatturi ndikati fil-prospett anness u mmarkat Dok. A, oltre l-imghaxijiet mid-data ta' l-istess fatturi sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-23 ta' Ottubru, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------